DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 252/2022

tat-23 ta' Settembru 2022

li temenda l-Anness IX (Servizzi finanzjarji) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/781]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/732 tas-26 ta' Jannar 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) Nru 667/2014 fir-rigward tal-kontenut tal-fajl li għandu jiġi ppreżentat mill-uffiċjal tal-investigazzjoni lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq, id-dritt ta' smigħ fir-rigward ta' deċiżjonijiet interim u d-depożiti ta' multi u pagamenti perjodiċi ta' penali ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt 31bco (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 667/2014) tal-Anness IX tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Jiżdied dan li ġej:

", kif emendat bi:

— **32021 R 0732**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/732 tas-26 ta' Jannar 2021 (ĠU L 158, 6.5.2021, p. 8)."

2. L-adattamenti minn (d) sa (g) huma nnumerati mill-ġdid bħala adattamenti minn (e) sa (h).

3. l-adattament li ġej jiżdied wara l-adattament (c):

"(d) Fl-Artikolu 3a, fir-rigward tal-Istati tal-EFTA:

(i) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 4 u t-tielet subparagrafu tal-paragrafu 5, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(ii) Fil-paragrafu 2, il-kliem 'u l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandhom jiddaħħlu wara l-kelma 'ESMA';

(iii) fil-paragrafi 3 u 5, il-kliem 'jinforma lill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA b'dan. L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA għandha, mingħajr dewmien żejjed,' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'għandha';

(iv) fl-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu u t-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 5, il-kelma 'ESMA' għandha tinqara 'L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA';

(v) fit-tielet u r-raba' subparagrafu tal-paragrafu 4, il-kliem 'jew, skont il-każ, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA' għandu jiddaħħal wara l-kelma 'ESMA'."

Artikolu 2

It-test tar-Regolament Delegat (UE) 2021/732 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

([1]) ĠU L 158, 6.5.2021, p. 8.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Settembru 2022, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 50/2019 tal-5 ta' Frar 2021 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2022.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Kristján Andri STEFÁNSSON

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) Għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.